MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 952/2008

**Computer Solutions Limited (C8487)**
**-vs-**
**Exodus Global Group Holdings Ltd. ((C37029)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ Computer Solutions Limited u Gaetano Cordina ghan-nom taghha bil-gurament jiddikjara :

1. Illi s-socjeta’ rikorrenti hija kreditrici ta’ l-intimat fis-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf, hames mija u erbgha u disghin Ewro u sitta u erbghin centezmi (€28,594.46) rapprezentanti prezz ta’ *computer hardware* u *software* u servizzi konnessi ma’ l-istess, mibjugha, kkonsenjati u rezi mis-socjeta’ rikorrenti lis-socjeta’ intimata, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat ‘Dok. A’.

2. Illi minkejja nterpellat thallas dan l-ammont, is-socjeta' ntimata baqhet inadempjenti.

3. Iili dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' rikorrenti s-socjeta' ntimata m'ghandhiex risposta x'taghti.

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett kollu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq premessi :

1. Taqta' u tiddeciedi r-rikors a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegh ;

2. Tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, hames mija u erbgha u disghin Ewro u sitta u erbghin centezmi (€28,594.46), dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' ntimata ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti ;
Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci ;
Semghet lill Gaetano Cordina bil-gurament ;
Peress illi t-talba tar-rikorrenti tidher li hija gustifikata ;

## Decizjoni

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi ;
Billi t-tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti ;
Bl-ispejjez kontra l-intimati ;
U bl-imghax legali kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------